A.L. 372 ta' l-2004

ATT DWAR IT-TAXXA FUQ L-*INCOME* (KAP. 123)

ATT DWAR IT-TAXXA FUQ DOKUMENTI U TRASFERIMENTI (KAP. 364)

Regolamenti ta' l-2004 dwar ir-Rappreżentanti Fiskali (Impriżi li joffru Servizzi Finanzjarji fl-Eżerċizzju ta' Dritt Ewropew)

BIS-SAĦĦA tas-setgħat mogħtija bl-artikolu 96 ta' l-Att dwar it-Taxxa fuq l-*Income* u l-artikolu 22 ta' l-Att dwar it-Taxxa fuq Dokumenti u Trasferimenti, il-Prim Ministru u l-Ministru tal-Finanzi għamel dawn ir-regolamenti li ġejjin:–

1. It-titolu ta' dawn ir-regolamenti hu Regolamenti ta' l-2004 dwar ir-Rappreżentanti Fiskali (Impriżi li joffru Servizzi Finanzjarji fl-Eżerċizzju ta' Dritt Ewropew). Titolu.

2. F'dawn ir-regolamenti, kemm-il darba r-rabta tal-kliem ma tkunx teħtieġ xort'oħra:– Tifsir.

"dritt Ewropew" għandha t-tifsira mogħtija lilha fir-Regolamenti ta' l-2004 dwar id-Drittijiet tal-Passaport Ewropew għal Istituzzjonijiet ta' Kreditu, fir-regolamenti msejħa *European Passport Rights for Insurance Undertakings Regulations, 2004*, u fir-Regolamenti ta' l-2004 dwar Drittijiet tal-Passaport Ewropew għal Impriżi ta' l-Investiment, safejn il-fraża għandha x'taqsam mal-provvista ta' servizzi; A.L. 88 ta' l- 2004.

"impriża ta' l-assigurazzjoni Ewropea" għandha t-tifsira mogħtija lilha fir-regolamenti msejħa *European Passport Rights for Insurance Undertakings Regulations, 2004*; A.L. 89 ta' l- 2004.

"impriża ta' investiment Ewropea" għandha t-tifsira mogħtija lilha fir-Regolamenti ta' l-2004 dwar Drittijiet tal-Passaport Ewropew għal Impriżi ta' l-Investiment; A.L. 87 ta' l- 2004.

"istituzzjoni ta' kreditu Ewropea" għandha t-tifsira mogħtija lilha fir-Regolamenti ta' l-2004 dwar id-Drittijiet tal-Passaport Ewropew għal Istituzzjonijiet ta' Kreditu.

"istituzzjoni ta' kreditu Ewropea" għandha t-tifsira mogħtija lilha fir-Regolamenti ta' l-2004 dwar id-Drittijiet tal-Passaport Ewropew għal Istituzzjonijiet ta' Kreditu.

Dmir li jinħatar rappreżentant fiskali.

3. (1) Kull istituzzjoni ta' kreditu Ewropea, impriża ta' l-assigurazzjoni Ewropea jew impriża ta' l-investiment Ewropea li, fl-eżerċizzju ta' dritt Ewropew, tkun qiegħda tfittex li tipprovdi servizzi f'Malta mingħajr ma jkollha post tan-negozju f'Malta u mingħajr ma tkun residenti f'Malta, għandha taħtar rappreżentant fiskali biex jaġixxi f'isimha.

(2) Kull rappreżentant fiskali maħtur skond is-subregolament (1) ikun responsabbli għall-ħlas ta' kull taxxa u piż ieħor li jistgħu jkunu dovuti taħt l-Atti dwar it-Taxxa fuq l-*Income* u l-Att dwar it-Taxxa fuq Dokumenti u Trasferimenti u li tista' tinġabar it-taxxa fuqhom f'Malta fir-rigward ta' l-istituzzjoni ta' kreditu Ewropea, l-impriża ta' l-assigurazzjoni Ewropea jew l-impriża ta' l-investiment Ewropea li tkun ħatret lil dak ir-rappreżentant.

Terminu biex issir il-ħatra u avviż tal-ħatra.

4. (1) Għandu jinħatar rappreżentant fiskali fi żmien sebat ijiem minn meta, fl-eżerċizzju ta' dritt Ewropew, issir il-provvista attwali ta' servizz f'Malta jew, fil-każ li jkun ġie maħtur rappreżentant fiskali qabel, fi żmien sebat ijiem minn meta tkun intemmet il-ħatra ta' dak ir-rappreżentant fiskali.

(2) L-istituzzjoni ta' kreditu Ewropea, l-impriża ta' l-assigurazzjoni Ewropea jew l-impriża ta' l-investiment Ewropea li tkun ħatret rappreżentant fiskali għandha, fi żmien sebat ijiem minn meta ssir dik il-ħatra, tavza bil-miktub lill-Kummissarju tat-Taxxi Interni bl-isem u l-indirizz ta' dak ir-rappreżentant fiskali u bid-data meta tkun saret il-ħatra.

(3) Għandu r-rappreżentant fiskali, fi żmien sebat ijiem mill-ħatra, jinnotifika bil-miktub lill-Kummissarju tat-Taxxi Interni bl-isem u bl-indirizz tal-prinċipal tiegħu u bid-data tal-ħatra.

(4) Il-Kummissarju jista' fid-diskrezzjoni tiegħu jiddeċiedi dwar il-mod kif għandhom jingħataw l-avvizi msemmija fis-subregolamenti (2) u (3) ta' dan ir-regolament.

5. (1) Rappreżentant fiskali maħtur skond ir-regolamenti 3 u 4 għandu, b'mod partikolari – Obbligi tar-rappreżentant fiskali.

Kap. 372.

(a) jirċievi korrispondenza f'isem il-prinċipal tiegħu;

(b) jaġixxi bħala r-rappreżentant legali f'isem il-prinċipal tiegħu;

(ċ) iżomm u jippreserva kull dokument li l-prinċipal tiegħu ikun obbligat li jżomm u jippreserva skond il-liġi ta' Malta;

(d) jiżgura li l-prinċipal tiegħu jikkonforma ruħu ma' l-obbligi u r-responsabbiltajiet li jistgħu jkunu imposti fuq il-prinċipal tiegħu u jiżgura wkoll li dawn fil-fatt jitwettqu; u

(e) jassumi l-obbligi imposti fuq "il-*manager* jew funzjonarju prinċipali ieħor ta' kull korp ta' persuni" bis-subartikoli (1) u (2) ta' l-artikolu 7 u kif ukoll dawk imposti fuq "kull persuna" skond l-artikolu 8 ta' l-Att dwar l-Amministrazzjoni tat-Taxxa.

(2) Id-disposizzjonijiet ta' l-artikolu 9 ta' l-Att dwar l-Amministrazzjoni tat-Taxxa, għandu japplika *mutatis mutandis* fir-rigward ta' rappreżentant fiskali maħtur skond dawn ir-regolamenti u kull riferenza għal "kull persuna" f'dak l-artikolu għandha tinqara bħallikieku hi riferenza għal rappreżentant fiskali.

6. Rappreżentant fiskali maħtur skond ir-regolamenti 3 u 4 jista' jwettaq f'isem il-prinċipal tiegħu dawk il-poteri u privileġġi kollha mogħtija lill-prinċipal tiegħu. Funzjonijiet.

7. (1) L-istituzzjoni ta' kreditu Ewropea, l-impriża ta' l-assigurazzjoni Ewropea jew l-impriża ta' l-investiment Ewropea li tkun ħatret rappreżentant fiskali għandha, fi żmien sebat ijiem mit-terminazzjoni tal-ħatra ta' dak ir-rappreżentant fiskali, tavża bil-miktub lill-Kummissarju tat-Taxxi Interni dwar dik it-terminazzjoni, filwaqt li tindika meta tkun ġiet terminata dik il-ħatra. Terminazzjoni.

(2) Ir-rappreżentant fiskali għandu, fi żmien sebat ijiem mit-terminazzjoni tal-ħatra tiegħu, javża bil-miktub lill-Kummissarju tat-Taxxi Interni dwar dik it-terminazzjoni, filwaqt li jindika meta tkun ġiet terminata dik il-ħatra.

(3) Il-ħatra ta' rappreżentant fiskali għandha titqies li tkun ġiet terminata jekk -

(a) dak ir-rappreżentant fiskali jagħti avviż ta' terminazzjoni skond is-subregolament (2) ta' dan ir-regolament;

(b) il-prinċipal tiegħu jagħti avviż ta' terminazzjoni skond is-subregolament (1) ta' dan ir-regolament; jew

(ċ) ir-rappreżentant fiskali jfalli jew ikun insolventi.